*Anniversarji*

# IL-100 SENA TAL-INKWATRU TA' SAN ĠUŻEPP U L-GALLARIJA TAL-ORGNI

**L-2012 timmarka l-ewwel ċentinarju ta' żewġ xogħlijiet sbieħ li għandha l-parroċċa ta' Ħad-Dingli: inkwatru ta' San Ġużepp bit-tfajjel Ġesù u l-gallerija tal-orgni. Wara riċerka fl-Arkivju Parrokkjali, f'dan l-artiklu SAVIO D. BORG jagħti tagħrif dwarhom.**

Mitt sena sena ilu, l-artist Malti Giuseppe Calì ġie kkummissjonat biex ipitter inkwatru ta' San Ġużepp bit-tfajjel Ġesù għal artal ġdid fil-knisja parrokkjali. Fl-istess żmien, is-saċerdot Żebbuġi Dun Ġużepp Gatt ħallas għall-artal tal-irħam. L-aħwa Vinċenz u Ġorġ Abela minn Ħad-Dingli kienu l-benefatturi ta' dan l-inkwatru kif tixhed il-kitba fit-tarf tal-pittura.


*Giuseppe Calì (1846 - 1930)*

F'dan l-inkwatru, is-suġġett huwa wieħed komuni; San Ġużepp flimkien mat-tfajjel Ġesù, mexjin. San Ġużepp ġie mpitter bil-kuluri tradizzjonali li bih jiġi ppreżentat, filwaqt li t-tfajjel Ġesù jidher b'libsa ħamra, il-kulur divin irjali. San Ġużepp, bħala l-missier putattiv ta' Ġesù jidher b'idu x-xellugija fuq spallejn it-tfajjel b'ħarsa paterna li qed tiltaqa' ma' dik tat-tfajjel Ġesù. F'idejh il-leminija qed iżomm il-ħatar li fit-tarf tiegħu jidher il-ġilju, simbolu tas-safa' tal-qaddis. Fl-isfond tidher dar ċkejkna; dehra trankwilla u serena. L-inkwatru għandu l-firma tal-artist Giuseppe Calì u taħtha s-sena meta tpitter: 1912.

Kif ħalla miktub il-kappillan ta' dak iż-żmien Dun Vinċenz Curmi, (Reġistru tal-Magħmudijiet; Vol. 8, pġ. 109), l-inawgurazzjoni tal-artal u tal-inkwatru ta' San Ġużepp bit-tfajjel Ġesù saret nhar it-8 ta' Jannar, 1913. Xi snin ilu minflok l-inkwatru tpoġġiet statwa ta' San Ġużepp u l-inkwatru jinsab fid-Dar Parrokkjali. F'għeluq il-100 sena tiegħu, l-inkwatru msemmi, matul il-jiem tal-festa, se jkun espost fin-niċċa tal-Assunta.

L-inkwatru sabiħ ta' San Ġużepp bit-tfajjel Ġesù hu l-uniku xogħol tal-artist magħruf Giuseppe Calì fil-parroċċa ta' Ħad-Dingli. Dan il-pittur prolifiku Malti twieled il-Belt Valletta fl-14 ta' Awwissu, 1846, iben Rafel u Giovanna Padiglione. Studja fl-*Accademia delle Belle Arti* f'Napli fejn bħala mgħallem kellu lil Giuseppe Mancinelli. Mar-ritorn tiegħu f'Malta, intefa f'ħidma sfiqa, tant li x-xogħol tiegħu ssibu f'ħafna knejjes u djar privati. Kien jaħdem b'imħabba u b'ħeffa kbira tant li kien magħruf bħala 'ix-xitan tal-pinżell'. Fi żmienu l-artisti Maltin ma tantx kienu apprezzati u ftit kienu jingħataw kummissjonijiet; kienet epoka fejn l-artisti barranin speċjalment dawk Taljani kienu jiġu ppreferuti. Biss Calì, wera li l-artist Malti hu kapaċi daqs il-barrani. Fost l-aneddoti marbuta ma' dan l-artist, insibu dak ta' kif irnexxielu jieħu l-kummissjoni biex ipitter l-inkwatru ta' San Duminku għall-Bażilika ta' Portu Salvu u San Duminku, il-Belt. Meta ppreżenta l-abbozz, bħala *nome-de-*


*L-inkwatru ta' San Ġużepp bit-tfajjel Ġesù*

*plume* niżżel SPQR. Meta ġew biex jagħżlu minn fost l-abbozzi, tiegħu ġie magħżul u ħasbu li kien xi pittur Ruman li ppreżentah! Fost ix-xogħlijiet tiegħu nsibu l-Mewt ta' Dragut li tinsab fil-Mużew tal-Arti, il-Belt; l-*Apotheosis* ta' San Franġisk fil-knisja ta' San Franġisk il-Belt li huwa l-ikbar inkwatru f'pajjiżna; it-titular tal-Assunta, il-Qrendi; it-titular ta' San Lawrenz fir-raħal ta' San Lawrenz; it-titular tal-Qalb ta' Ġesù, il-Fontana; l-Evanġelisti fil-knisja parrokkjali ta' Bormla; il-koppla tal-knisja parrokkjali ta' Ħal Lija; is-saqaf u l-koppla tal-Bażilika ta' Portu-Salvu u San Duminku, il-Belt; u ħafna inkwatri oħra mxerrda ma' Malta kollha. Skont l-inventarju miġbur mill-qarib tiegħu, l-artist Rafel Bonnici Calì, matul il-ħajja artistika tiegħu hu għamel xejn inqas minn 621 biċċa xogħol ta' arti. Calì kien miżżewweġ lil Perennia Pace u kellhom għaxar ulied. Miet fl-1 ta' Marzu, 1930 u hu meqjus bħala wieħed mill-aqwa pitturi Maltin ta' kull żmien.

Mitt sena ilu ukoll ġiet inawgurata l-gallarija tal-orgni. F'kitba li l-Kappillan Dun Vinċenz Curmi ħalla fir-Reġistru tal-Magħmudijiet (Vol. 8, pġ. 97) dwar dan l-avveniment insibu li x-xogħol tal-injam sar minn Ġużeppi Ciappara u Franġisku Tonna mlaqqam 'in-Nazet' mir-Rabat, Malta. L-orgni ġie trasportat mill-kor tal-knisja, fejn kien ilu hemm sa mill-1903, għall-post il-ġdid minn Dun Pawlin Mifsud mill-Mosta, megħjjun minn Dun Pawl Azzopardi. Mifsud immodifika wkoll il-mekkaniżmu tal-orgni kif ukoll żied xi reġistri. Sfortunatament dan l-orgni ma tantx kellu ħajja twila; regolarment kien ikollu bżonn tiswija, u wara xi snin ittieħdet id-deċiżjoni li jitneħħa. Diversi benefatturi għenu biex din l-opra ssir. Intgħażlet il-ġurnata tal-festa ta' San Alwiġi, fit-13 ta' Lulju, 1912, biex tiġi inawgurata l-gallarija tal-orgni. F'dawk iż-żminijiet il-festa ta' San Alwiġi kienet issir bil-pompa kollha u għalhekk intgħażlet dik il-ġurnata. Sentejn qabel, kienu żanżnu statwa ġdida tal-imsemmi qaddis, xogħol Ġużeppi Cilia, l-aqwa aljiev ta' Karlu Darmanin.


*Il-gallarija tal-orgni fil-knisja parrokkjali ta' Ħad-Dingli*

Għaddew mitt sena minn fuq dawn l-opri ta' arti li ħallewlna missirijietna. Jalla mitt sena oħra u aktar, ulied uliedna jkomplu jgawdu u jikkonservaw dak li aħna ġejna mislufa mill-antenati tagħna.